



Brussell, 24 ta' April 2023
(OR. en)

8448/23

JAI 460
FREMP 111
SCHENGEN 20
FRONT 137
COVID-19 17
IPCR 25

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' April 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7189/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Għodod li jffaċilitaw l-ivvjaġġar ġewwa l-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' April 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Għodod li jffaċilitaw l-ivvjaġġar ġewwa l-UE matul il-pandemija tal-COVID-19, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-3944 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' April 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 01/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Għodod li ffaċilitaw l-ivvjaġġar ġewwa l-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 – Inizjattivi rilevanti, b'impatt li jvarja bejn suċċess u użu limitat

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 01/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti"), li jikkomplementa r-Rapport Speċjali Nru 13/2022 tal-Qorti: Moviment liberu fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19: Skrutinju limitat tal-kontrolli fil-fruntieri interni, u azzjonijiet mhux ikkoordinati li jitwettqu mill-Istati Membri, u t-tweġiba tal-Kummissjoni għas-sejbiet tal-Qorti.
2. JENFASIZZA n-natura bla preċedent tal-pandemija u l-ħtieġa li jiġu żviluppati għodod effettivi u speċjalment soluzzjonijiet tal-IT, biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar fl-UE.
3. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-rapport, b'mod partikolari li:
 - Minkejja l-kompetenza limitata tagħha fil-politika tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni mxiet malajr biex tipproponi soluzzjonijiet teknoloġiċi adatti biex tiffaċilita l-ivvjaġġar ġewwa l-UE matul il-pandemija tal-COVID-19.
 - Il-Kummissjoni mmobilizzat malajr EUR 71 miljun għall-iżvilupp tal-għodod biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar fl-UE.
 - Il-Kummissjoni pprovdi il-gateway ta' traċċar tal-kuntatti u ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fi żmien xieraq. L-iżvilupp tekniku ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tlesta qabel ma l-Istati Membri kienu lestew l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' tilqim tagħhom.
 - Il-Kummissjoni ma pproponietx soluzzjoni tal-UE għall-formola tal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri ħlief wara li diversi Stati Membri kienu diġà żviluppaw l-għodod tagħhom stess.

4. JILQA' l-adozzjoni rapida tar-Regolamenti dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-introduzzjoni rapida tal-infrastruttura teknoloġika. Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien effettiv biex jiffaċilita l-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19 peress li tejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar bejn l-Istati Membri.
5. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, b'mod partikolari:
 - Tidentifika dawk l-għodod tal-UE maħluqa matul il-pandemija tal-COVID-19 li kienu l-aktar utli għaċ-ċittadini u l-Istati Membri, u tesplora modi potenzjali biex tagħmel użu mill-infrastrutturi teknoloġiċi, b'mod partikolari fil-każ ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, għal skopijiet xierqa oħra, filwaqt li tqis il-kompetenza tal-Istati Membri għall-ħruġ ta' dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar, u f'konformità mal-bażi ġuridika xierqa.
 - Tagħmel l-għodod tal-UE użati biex jiffaċilitaw it-traċċar tal-kuntatti transfruntiera matul kriżijiet tas-saħħa pubblika aktar faċli għaċ-ċittadini tal-UE biex jaċċessaw, permezz ta' sinerġiji jew simplifikazzjoni, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u fir-rispett tal-kompetenzi nazzjonali.
 - Tanalizza l-ħtieġa għal kwalunkwe għodda addizzjonali biex jiġu indirizzati kriżijiet futuri potenzjali, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data, fil-fora adatti. Kull meta jkun possibbli, kwalunkwe proposta leġislattiva għida għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt minn qabel jew tal-anqas fuq konsultazzjonijiet preliminari.